Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2016
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0151 (COD)

13624/1/16
REV 1

LIMITE

AUDIO 113
DIGIT 119
CONSOM 251
TELECOM 201
CODEC 1502
IA 103

PUBLIC

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9479/16 AUDIO 68 DIGIT 55 CONSOM 121IA 28 CODEC 744 TELECOM 98
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' **servizzi tal-media awdjoviżiva** fid-dawl tar-realtajiet tas-suq li qed jinbidlu *- Rapport ta' progress*

I. INTRODUZZJONI

1. Kuntest

Fl-20 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fid-dawl tar-realtajiet tas-suq li qed jinbidlu[1].

[1] dok. 9479/16 + ADD 1-4

Id-direttiva attwali dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMS) ġiet adottata fl-2007 u kodifikata fl-2010. Hija msejsa fuq il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini li jippermetti ċ-ċirkolazzjoni libera tas-servizzi tal-media awdjoviżiva fl-UE. Fl-istess ħin, taqdi għadd ta' interessi pubbliċi ġenerali bħad-diversità kulturali, il-protezzjoni tal-minorenni, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-libertà tal-media. Kemm is-servizzi lineari (televiżivi) kif ukoll dawk on-demand huma rregolati mid-direttiva, għalkemm b'mod differenti.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-impatt

Fit-8 u l-20 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta emendatorja, flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt[2], lill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv.

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li taġġorna u timmodernizza l-qafas regolatorju awdjoviżiv attwali kif stabbilit fid-Direttiva AVMS tal-2010 sabiex tagħmlu aktar adatt għall-era diġitali, karatterizzata minn żviluppi teknoloġiċi rapidi, minn mudelli ta' negozju ġodda li qed jitfaċċaw u minn tendenzi dejjem jinbidlu tal-konsum u ta' kif in-nies jaraw it-televiżjoni. Fil-qosor, il-proposta tal-Kummissjoni[3] għandha l-għan li:

– tiżgura l-protezzjoni tal-minorenni u l-protezzjoni tal-konsumatur anke f'servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing,

– tissimplifika r-regoli li jirregolaw il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini,

– iżżid il-kompetittività tas-servizzi televiżivi billi tallinja aktar ir-regoli għas-servizzi lineari u dawk on-demand,

– tindirizza l-konverġenza tal-media billi taġġorna r-regoli għall-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi,

– tiżgura l-implimentazzjoni adatta tad-direttiva billi ssaħħaħ l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tifformalizza l-korp Ewropew eżistenti ta' regolaturi nazzjonali.

---

[2] dok. 9479/16 ADD 1

[3] Għal aktar dettalji dwar il-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni, ara l-eżitu tal-proċedimenti mil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv fid-dokument 10745/16

Filwaqt li eżamina l-valutazzjoni tal-impatt, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv qies il-lista ta' kontroll indikattiva prevista fil-gwida għall-maniġġar ta' valutazzjoni tal-impatt fil-Kunsill[4]. Id-delegazzjonijiet ma qajmu l-ebda kwistjoni ewlenija għall-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni. Min-naħa l-oħra, kien hemm għadd ta' kwistjonijiet li d-delegazzjonijiet ħassew li ma ġewx indirizzati (għalkollox) mill-valutazzjoni tal-impatt. Dawn jissemmew fid-dokument 10745/16, taqsima III.

3. Istituzzjonijiet/korpi oħrajn

Il-kumitat ewlieni tal-Parlament Ewropew dwar dan il-fajl huwa l-Kumitat dwar il-Kultura u l-Edukazzjoni. Fid-9 ta' Ġunju 2016, il-Kumitat ħatar lil Sabine Verheyen (DE/PPE) u lil Petra Kammerevert (DE-S&D) bħala korelaturi. Il-vot fil-Kumitat hu maħsub li jittieħed fl-aħħar ta' Jannar 2017.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta opinjoni fid-19 ta' Ottubru 2016.

II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

Matul il-Presidenza Slovakka, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv eżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'għadd ta' laqgħat li saru bejn Lulju u Ottubru 2016.

Fl-4 u l-15 ta' Lulju, id-delegazzjonijiet taw il-kummenti ġenerali tagħhom dwar il-proposta tal-Kummissjoni, segwiti minn eżami ta' kull kapitolu[5].

Fil-laqgħat tal-1, it-12 u s-26 ta' Settembru kif ukoll tat-3 u t-28 ta' Ottubru 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv għamel eżami dettaljat tat-test tal-Kummissjoni, fejn analizza kull dispożizzjoni emendata separatament[6].

Għadd ta' delegazzjonijiet żammew ir-riżervi ta' skrutinju ġenerali u speċifiċi dwar il-proposta tal-Kummissjoni.

---

[4] Dok. 9790/16 + COR 1

[5] Rendikont dettaljat tad-diskussjonijiet li saru matul dawn il-laqgħat jista' jinstab fid-dokument 11361/16.

[6] Il-kummenti dettaljati tad-delegazzjonijiet jistgħu jinstabu fid-dokument 13934/16.

III. REAZZJONIJIET EWLENIN TAD-DELEGAZZJONIJIET

Ir-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet jistgħu jingabru ma' dawn il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin:

1. Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni

a) Servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing - l-Artikolu 1(1)(aa), l-Artikolu 28a

Sabiex tirrispondi għaż-żieda fil-kontenut ta' ħsara u d-diskors ta' mibegħda fuq l-internet, il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva AVMS biex jinkludi s-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing (VSP). Dan qed tagħmlu billi toħloq kategorija separata ta' servizzi b'sett ġdid ta' regoli. Il-pjattaformi ta' video-sharing li għandhom jiġu inklużi huma dawk li l-iskop prinċipali tagħhom huwa li jipprovdu programmi u videos ġenerati mill-utenti, li jaħżnu ammont kbir ta' kontenut bħal dan, u li m'għandhomx responsabbiltà editorjali għall-kontenut maħżun iżda fl-istess ħin jiddeterminaw l-organizzazzjoni tiegħu. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni qed tipproponi obbligu għall-Istati Membri biex jiżguraw li l-pjattaformi ta' video-sharing jieħdu ċerti miżuri xierqa sabiex jipproteġu lill-minorenni mill-kontenut ta' ħsara u liċ-ċittadini kollha mill-inċitament għall-vjolenza jew mibegħda.

Ir-reazzjoni tal-Istati Membri kienet imħallta. L-ewwel nett għax ma kienx ċar liema servizzi huma koperti eżattament mid-**definizzjoni** ta' servizzi ta' pjattaformi ta' video-sharing (l-Artikolu 1). F'dan ir-rigward, xi Stati Membri sabu xi partijiet tad-definizzjoni tal-pjattaformi ta' video-sharing, pereżempju l-iskop prinċipali u t-taqsima separabbli[7], bħala restrittivi żżejjed billi ma jippermettux li jkun kopert il-kontenut tal-video fis-servizzi tal-media soċjali. Il-Kummissjoni kkonfermat li servizzi tal-media soċjali kif magħrufa llum, jiġifieri mhux indirizzati għall-pubbliku u l-iskop ewlieni tagħhom mhux li jipprovdu kontenut awdjoviżiv, mhumiex koperti sakemm ma jipprovdux servizz li jikkonforma mad-definizzjoni ta' servizz ta' pjattaforma ta' video-sharing[8]. It-tieni nett, kien hemm tħassib dwar il-kompatibbiltà tal-obbligi imposti fuq il-forniturі tal-pjattaformi ta' video-sharing fid-Direttiva AVMS (l-Artikolu ġdid 28a) u l-limitazzjonijiet tar-responsabbiltà fuq dawn il-forniturі fid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku[9]. Il-Kummissjoni assigurat lid-delegazzjonijiet dwar il-kompatibbiltà sħiħa taż-żewġ strumenti billi l-proposta għall-emendar tad-Direttiva AVMS ma tistabbilixxi l-ebda kontroll ex-ante tal-kontenut, iżda tirregola biss il-mod kif jiġi organizzat u għall-iskop speċifiku li tipproteġi lill-minorenni minn kontenut ta' ħsara u liċ-ċittadini kollha minn diskors ta' mibegħda.

---

7 Ara l-punt b) hawn taħt għal "taqsima separabbli".

8 Ara wkoll il-premessa 3 tal-proposta tal-Kummissjoni.

9 Id-Direttiva 2000/31/KE (id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku).

Rigward il-**miżuri** li l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq il-pjattaformi ta' video-sharing (l-Artikolu 28a), xi delegazzjonijiet sabuhom preskrittivi wisq. Minflok, ippproponew li l-objettivi tal-protezzjoni tal-minorenni u ċ-ċittadini jintlaħqu permezz tal-litteriżmu fil-media. Ċerti delegazzjonijiet oħra ssuġġerew li l-lista tiżdied b'miżuri li jipprevjenu li jittella' kontenut li tneħħa qabel u li jiżguraw li r-rapporti ta' kontenut ta' ħsara jiġu pproċessati malajr. Il-Kummissjoni ssottolinjat li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu dawk il-miżuri mil-lista li jqisu li huma xierqa f'ċirkostanzi partikolari. Madankollu, ma jistgħux jadottaw miżuri aktar stretti sakemm dawn ma jkunux kompatibbli mad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, billi l-Kummissjoni qed tipproponi armonizzazzjoni massima għal dawn is-servizzi speċifiċi. Din kienet opposta minn xi delegazzjonijiet. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet oħra esprimew dubji dwar l-utilità ta' koregolamentazzjoni għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jekk l-Istati Membri ma jistgħux imorru lil hinn minn dak li qed jiġi propost. Il-Kummissjoni ċċarat li l-koregolamentazzjoni mhix obbligatorja u tista' tkun utli biex il-kontenut tal-miżuri jiġi speċifikat f'aktar dettall.

b) Taqsima separabbli ta' servizz u **videos qosra (l-Artikolu 1(1))**

Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (Kawża C-347/14), il-Kummissjoni qed tipproponi li:

– testendi d-definizzjoni ta' servizz anke għal taqsima (awdjoviżiva) li fil-kontenut u l-forma tagħha hija **separabbli** mill-attività ewlenija li mhix awdjoviżiva[10] (l-Artikolu 1(1)(a)(i) u l-Artikolu 1(1)(aa)(iii)). Xi delegazzjonijiet dehrilhom li din id-definizzjoni hija restrittiva billi tista' teskludi videos imtellgħin fuq il-media soċjali mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva AVMS. Bosta delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifika aktar preċiża ta' xi tfisser tabilħaqq "taqsima separabbli",

– tinkludi "**videos qosra**" fid-definizzjoni ta' programm (l-Artikolu 1(1)(b)). Billi t-tifsira ta' videos qosra mhix ċara, ċerti delegazzjonijiet ippproponew li r-referenza għat-tul tal-video titħassar, filwaqt li bosta oħrajn talbu aktar gwida dwar kif għandhom jinterpretaw dan it-terminu.

[10] Pereżempju taqsima bil-video stand-alone minn gazzetta fuq l-internet.

2. Kondizzjonijiet ekwi għal bejn is-servizzi lineari u dawk on-demand

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li toħloq kondizzjonijiet aktar ekwi bejn is-servizzi lineari u dawk on-demand u fl-istess ħin tiżgura livell ta' protezzjoni konsistenti f'dawn is-servizzi kollha. B'mod partikolari dan huwa l-każ fil-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-protezzjoni ta' minorenni u l-protezzjoni minn diskors ta' mibegħda (fejn ir-regoli jestendu wkoll għall-pjattaformi ta' video-sharing), u l-proċedura ta' deroga mill-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini. Madankollu, bosta delegazzjonijiet ma kinux sodisfatti bl-approċċ tal-Kummissjoni li jżomm regolamentazzjoni differenzjata għas-servizzi lineari u għal dawk on-demand, u minflok xtaqu li r-regoli jiġu allinjati aktar. Barra minn hekk, bosta delegazzjonijiet riedu li jiġu żgurati kondizzjonijiet aktar ekwi anke fir-rigward tal-pjattaformi ta' video-sharing bħall-komunikazzjonijiet kummerċjali.

a) Promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej (l-Artikolu 13)

Il-Kummissjoni tipproponi t-tisħiħ tal-obbligi tal-forniturі ta' servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand fir-rigward tal-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej b'żewġ modi:

i. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-forniturі ta' servizzi on-demand fil-ġurisdizzjoni tagħhom jiggarantixxu kwota minima ta' 20% ta' xogħlijiet Ewropej fil-katalgu tagħhom u jiżguraw il-prominenza (il-viżibbiltà) ta' dawn ix-xogħlijiet. Il-fehmiet tal-Istati Membri varjaw sostanzjalment rigward il-**kwoti**: kien hemm grupp li kien kontra l-introduzzjoni ta' kwota obbligatorja ta' 20%, grupp ieħor kien favur, b'xi delegazzjonijiet jipproponu kwota saħansitra akbar. Ċerti Stati Membri riedu li jkunu jistgħu jimponu kwoti anke fuq forniturі lil hinn mill-ġurisdizzjoni tagħhom. Rigward il-**prominenza**, ċerti delegazzjonijiet talbu kjarifika tat-tifsira ta' din il-kelma u dwar kif jimplimentawha,

ii. Stat Membru jista' jikseb **kontribuzzjoni finanzjarja** (imposta) mingħand il-forniturі ta' servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand stabbiliti fit-territorju tiegħu, u anke f'ta' Stat Membru ieħor jekk dawn qed jilħqu lill-udjenzi f'tiegħu[11]. Grupp ta' Stati Membri kien kontra din il-proposta għar-raġuni li ddgħajjef il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, filwaqt li grupp ieħor ta' Stati Membri kien favoriha. Barra minn hekk, ħafna delegazzjonijiet jixtiequ li jestendu din il-possibbiltà għall-forniturі ta' servizzi lineari. Il-Kummissjoni ma tinterpretax din id-dispożizzjoni bħala eżenzjoni mill-pajjiż ta' oriġini, anzi bħala kjarifika li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma simili għat-taxxi u għalhekk għandhom jibqgħu f'idejn l-Istati Membri biex jiddeterminawhom sakemm dawn ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat[12].

b) Komunikazzjonijiet kummerċjali (l-Artikoli 9, 10, 11, 20, 23)

Il-Kummissjoni tipproponi iżjed flessibbiltà għar-regoli kwantitattivi dwar ir-reklamar televiżiv u regoli aktar flessibbli dwar l-isponsorizzazzjoni u t-tqegħid ta' prodott li japplikaw għas-servizzi lineari u on-demand. L-għan hu li tissaħħaħ il-kapaċità tax-xandara li jinvestu fil-produzzjoni ta' kontenut oriġinali u b'hekk jagħmilhom aktar kompetittivi fid-dawl tad-dħul mir-reklamar li qed imur lejn l-ambjent fuq l-internet.

i. Id-delegazzjonijiet kellhom opinjonijiet differenti ħafna dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex jinbidlu r-regoli kwantitattivi (jiġifieri l-limitu u l-frekwenza) dwar ir-**reklamar televiżiv**. Il-proposta tal-Kummissjoni li tiżdied il-**frekwenza** ta' waqfiet pubbliċitarji minn 30 għal 20 minuti ntlaqgħet b'mod favorevoli minn grupp ta' delegazzjonijiet, filwaqt li kienet opposta minn grupp ieħor (l-Artikolu 20(2)). Rigward il-proposta li l-kalkolu tal-**limitu** għar-reklamar ta' 20% jinbidel minn kull siegħa għal kuljum (bejn is-07.00 u l-23.00), grupp ta' delegazzjonijiet appoġġa din il-bidla, filwaqt li grupp ieħor kien kontra, u dawn indikaw l-effett negattiv fuq it-telespettatur speċjalment fl-aqwa ħin u xeħtu dubji fuq l-effett pożittiv fuq id-dħul tax-xandara fuq żmien medju u twil (l-Artikolu 23).

---

11 Il-premessa 23 tal-proposta tal-Kummissjoni tispeċifika liema indikaturi l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jiddeterminaw jekk servizz on-demand huwiex immirat li jilħaq it-territorju tagħhom.

12 Dan isegwi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1.9.2016 dwar l-iskema ta' għajnuna mill-istat (C(2016) 5551 finali).

Barra minn hekk, xi Stati Membri indikaw li fil-fatt ir-regoli aktar laxki ta' reklamar televiżiv għandhom jitqiesu b'rabta ma' regoli anqas rigoruż dwar l-inklużjoni ta' prodotti kummerċjali u l-isponsorizzazzjoni, bil-messaġġi tal-isponsors ma jingħaddux fil-limitu tar-reklamar, li fit-totalità tagħhom jistgħu jirriżultaw f'żieda sinifikanti fl-ammont ta' komunikazzjonijiet kummerċjali li t-telespettaturi ser ikunu esposti għalihom.

Bi tweġiba għal dan it-tħassib, il-Kummissjoni ssottolinjat li billi firxa wiesgħa ta' servizzi tal-media hija disponibbli, li xi wħud minnhom m'għandhom l-ebda reklamar, u billi hemm kompetizzjoni ħarxa fis-suq awdjoviżiv, is-suq ser jirregola lilu nnifsu f'dak li hu l-ammont ta' reklamar fuq is-servizzi televiżivi.

ii. Rigward id-dispożizzjonijiet dwar **l-isponsorizzazzjoni** (l-Artikolu 10) u l-**inklużjoni ta' prodotti kummerċjali** (l-Artikolu 11), ħafna delegazzjonijiet kienu kontra l-proposta tal-Kummissjoni li jkunu permessi "referenzi promozzjonali speċjali" fil-messaġġi tal-isponsors u tal-inklużjoni ta' prodotti kummerċjali u “prominenza żejda" tal-inklużjoni ta' prodotti kummerċjali. Dawn id-delegazzjonijiet argumentaw li, l-ewwel nett, it-tibdiliet proposti ma kinux ser iħallu distinzjoni ċara bejn dawn it-tipi ta' komunikazzjonijiet kummerċjali u r-reklamar televiżiv, u t-tieni nett, jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-responsabbiltà u l-indipendenza editorjali tal-fornitur ta' servizz tal-media. Ċerti delegazzjonijiet kienu kontra l-bidla fl-approċċ għall-inklużjoni ta' prodotti kummerċjali li minn projbita għamlitha ammissibbli.

Il-Kummissjoni ġġustifikat l-approċċ flessibbli tagħha lejn l-isponsorizzazzjoni u l-inklużjoni ta' prodotti kummerċjali bil-ħtieġa ta' rispons għar-realtà tal-lum u biex tħeġġeġ l-adozzjoni ta' dawn il-forom ta' komunikazzjoni kummerċjali sabiex joħroġ il-potenzjal sħiħ tagħhom.

iii. Ħafna delegazzjonijiet riedu li l-istandards **kwalitattivi**[13] (l-Artikolu 9) jiġu estiżi biex ikopru wkoll il-pjattaformi ta' video-sharing. Xi delegazzjonijiet riedu li jaraw kondizzjonijiet aktar ekwi bejn is-servizzi lineari u dawk on-demand dwar ir-reklamar tal-alkoħol. F'dan ir-rigward, ippproponew li jestendu r-regoli aktar stretti għat-televiżjoni, li bħalissa huma għalihom (l-Artikolu 22), għas-servizzi on-demand ukoll. Il-Kummissjoni ssottolinjat li l-proposta tagħha ssaħħaħ il-protezzjoni tal-minorenni minn komunikazzjonijiet kummerċjali mhux xierqa għall-alkoħol u l-ikel u x-xorb HFSS[14] billi tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' kodiċi ta' kondotta nazzjonali kif ukoll, jekk ikun il-każ, ta' kodiċi ta' kondotta tal-UE.

c) Protezzjoni ta' minorenni (l-Artikolu 12)

Fil-prinċipju, id-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta tal-Kummissjoni biex ir-regoli mmirati lejn il-protezzjoni tal-minorenni għas-servizzi lineari u dawk on-demand jiġu allinjati kompletament, iżda xi delegazzjonijiet riedu li dawk ir-regoli jiġu estiżi għall-pjattaformi ta' video-sharing. Barra minn hekk, ħafna delegazzjonijiet issuġġerew li huwa importanti li jiġi enfasizzat ir-rwol li jaqdi l-litteriżmu fil-media għall-protezzjoni tal-minorenni.

3. Titjib fil-funzjonament tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini u tal-ġurisdizzjoni

Il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini huwa l-qofol tad-Direttiva AVMS billi fornitur ta' servizz tal-media hu soġġett biss għal sett wieħed ta' regoli, li huma r-regoli tal-Istat Membru fejn hu stabbilit. Konsegwentement, il-fornitur jista' jipprovdi servizzi b'mod liberu fl-UE billi l-Istati Membri l-oħra jridu jiżguraw il-libertà tar-riċezzjoni u ma jistgħux jirrestriġu fit-territorju tagħhom ir-ritrasmissjonijiet ta' servizzi ħlief f'sitwazzjonijiet speċifiċi. Il-Kummissjoni tipproponi li żżomm il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, filwaqt li tapplikah ukoll għall-pjattaformi ta' video-sharing (għalkemm b'mekkaniżmu speċifiku li jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni), u ssaħħu, l-aktar billi tiffaċilita l-mod li bih jiġi ddeterminat l-Istat Membru ta' ġurisdizzjoni u ttejjeb il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni. B'mod ġenerali, l-Istati Membri appoġġaw il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, għalkemm xi Stati Membri kienu pjuttost riservati.

---

[13] Ir-regoli kwalitattivi huma, pereżempju, li komunikazzjonijiet kummerċjali jridu jkunu rikonoxxibbli, ma jistgħux jużaw tekniki subliminali, għandhom jirrispettaw id-dinjità umana, ma jistgħux juru sigaretti u prodotti mediċinali u għandhom jipproteġu lill-minorenni mill-alkoħol u ikel HFSS.

[14] B'ħafna xaħam, melħ u zokkor.

a) Miżuri aktar stretti u l-proċedura li tikkonċerna l-evażjoni (l-Artikolu 4)

Bosta delegazzjonijiet ġibdu l-attenzjoni fuq in-nuqqasijiet tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini speċjalment meta Stat Membri jiddeċiedi li japplika **miżuri aktar stretti** minn dawk stipulati fid-Direttiva – li hija msejsa fuq armonizzazzjoni minima – u jekk fornitur ta' servizz tal-media jiddeċiedi li jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru ieħor, li għandu regoli aktar laxki, iżda l-programmi tiegħu huma mmirati lejn l-ewwel Stat Membru. F'dan ir-rigward, bosta Stati Membri semmew id-diffikultà biex iġiegħlu lill-fornituri bħal dawn jirrispettaw ir-regoli aktar stretti li għandhom, pereżempju fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni jew ta' komunikazzjonijiet kummerċjali. Bħala soluzzjoni potenzjali, xi delegazzjonijiet minn dawn issuġġerew li tiġi segwita d-"devjazzjoni" mill-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini li l-Kummissjoni tipproponi għall-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej (ara l-punt 2(a) hawn fuq).

Id-Direttiva tipprevedi proċedura li tippermetti Stat Membru jaġixxi f'sitwazzjonijiet fejn xandar, biex sempliċiment jevita r-regoli stretti ta' dak l-Istat Membru, jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru ieħor. Madankollu, xi delegazzjonijiet issottolinjaw li l-proċedura msemmija, il-**proċedura li tikkonċerna l-evażjoni,** attwalment mhix effikaċi minħabba l-kumplessità tagħha, u li l-proposta tal-Kummissjoni ma tiffaċilitax l-applikazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni ddikjarat li l-proċedura li tikkonċerna l-evażjoni tirrestringi l-libertà tal-istabbiliment li tiġġustifika l-applikazzjoni stretta u restrittiva ta' din il-proċedura. Fl-istess ħin il-Kummissjoni ammettiet li s'issa l-proċedura għadha ma ntużatx. Billi l-proċedura li tikkonċerna l-evażjoni tista' tintuża biss għax-xandir televiżiv, xi delegazzjonijiet talbu li tiġi estiża għas-servizzi on-demand.

b) Proċedura ta' deroga (l-Artikolu 3)

B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet appoġġaw is-simplifikazzjoni tal-proċedura li tippermetti lill-Istati Membri biex b'mod temporanju, u f'ċerti ċirkostanzi speċifiċi, jidderogaw mil-libertà ta' riċezzjoni jew jirrestringu r-ritrasmissjoni tas-servizzi tal-media awdjoviżiva. B'mod partikolari, huma laqgħu l-ħolqien ta' proċedura waħdanija ta' deroga għas-servizzi kemm lineari kif ukoll dawk on-demand, ir-raġunijiet il-ġodda għal deroga u l-possibbiltà li tintuża proċedura ta' emerġenza irrispettivament mit-tip ta' servizz.

Ċerti delegazzjonijiet, madankollu, ġibdu l-attenzjoni għad-differenza bejn il-kondizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati għas-servizzi lineari u dawk on-demand. Fil-każ tax-xandir televiżiv, u b'differenza mis-servizzi on-demand, il-vjolazzjoni trid terġa' titwettaq (ripetittiva). Il-Kummissjoni spjegat li r-raġuni li din id-differenza tinżamm huwa l-fatt li fil-kuntest tal-internet huwa aktar diffiċli biex jiġi stabbilit il-mument ta' meta twettqet il-vjolazzjoni.

Xi delegazzjonijiet ma kinux favur estensjoni tal-iskadenzi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ġġustifikat il-limiti itwal ta' żmien minħabba l-bżonn li tagħmel tajjeb għall-kumplessità marbuta mad-deċiżjonijiet li jillimitaw il-libertà tal-forniment tas-servizzi fi ħdan l-iskadenzi obbligatorji interni tal-Kummissjoni.

c) Kriterji tal-ġurisdizzjoni (l-Artikolu 2(3))

Għal bosta delegazzjonijiet, il-bidla proposta biex jiġi ddeterminat liema Stat Membru jkollu l-ġurisdizzjoni fuq is-servizz tal-media kienet biss kosmetika. Xi wħud minnhom ħassew li kellhom jiġu mfittxija kriterji alternattivi biex jindirizzaw kwistjonijiet bħax-xandir immirat.

Bosta delegazzjonijiet kienu kontra l-bidla proposta għall-kriterju marbut mal-forza tax-xogħol li minn "sinifikanti" nbidel għal "maġġoranza". Huma jew sabu li kriterju bħal dan huwa nieqes mill-istabbiltà billi l-livelli tal-persunal għandhom tendenza li jvarjaw, jew inkella riedu aktar kjarifika dwar liema tip ta' impjegati ser ikunu magħduda fil-maġġoranza tal-forza tax-xogħol. Il-Kummissjoni spjegat li l-intenzjoni tagħha kienet li tissimplifika dan il-kriterju pjuttost kumpless u kienet lesta tkompli tiddiskutih mal-Istati Membri.

d) Listi komuni ta' servizzi (l-Artikolu 2(5a) u l-Artikolu 28b(2))

Sabiex tiżgura t-trasparenza, u b'hekk tiffaċilita l-implimentazzjoni tad-Direttiva AVMS, il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta' listi komuni (bażi ta' data) tas-servizzi tal-media awdjoviżiva (televiżivi u dawk on-demand) u tas-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing. Il-lista għandha tindika Stat Membru ta' ġurisdizzjoni għal kull servizz flimkien mal-kriterji li bihom ġiet deċiża l-ġurisdizzjoni. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu din il-lista b'sodisfazzjon, iżda bosta minnhom urew tħassib għall-piż amministrattiv u l-ispejjeż finanzjarji li l-ġbir ta' lista bħal din u l-aġġornament tagħha jista' jkollhom.

e) Ġurisdizzjoni għall-pjattaformi ta' video-sharing (l-Artikolu 28(b)(1))

Il-Kummissjoni tipproponi l-applikazzjoni tar-regola tal-pajjiż ta' oriġini għall-pjattaformi ta' video-sharing ukoll. Billi xi wħud minn dawn il-pjattaformi huma stabbiliti barra l-UE, iżda madankollu f'ħafna każijiet għandhom punt li jorbothom mal-UE (jiġifieri sussidjarja jew kumpanija omm), il-Kummissjoni pproponiet li tqis punt ta' rabta bħal dan bħala stabbiliment reali għall-finijiet tad-Direttiva AVMS. Xi delegazzjonijiet urew dubji dwar l-applikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-każ tal-pjattaformi, oħrajn issottolinjaw il-possibbiltà li l-approċċ propost jista' joħloq "għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni". Ċerti delegazzjonijiet ipproponew li jiġu koperti wkoll servizzi provduti minn pjattaformi ta' video-sharing stabbiliti barra mill-UE. Kien hemm domanda ġenerali għal aktar kjarifika dwar kif l-għoti tal-ġurisdizzjoni ser jaħdem fil-prattika. Il-Kummissjoni spjegat li għażlet li tapplika l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini għall-pjattaformi ta' video-sharing sabiex tiżgura li l-fornitur tal-pjattaforma ta' video-sharing ikun kopert mir-regoli ta' Stat Membru wieħed tal-UE u fl-istess ħin tevita l-ġurisdizzjoni doppja.

4. Mekkaniżmi ta' superviżjoni u monitoraġġ

a) Il-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni u **l-kodiċijiet ta' kondotta tal-UE (l-aktar l-Artikolu 4(7))**

Waqt li l-possibbiltà li jintużaw **il-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni** kienet diġà prevista fid-Direttiva AVMS tal-2010, il-Kummissjoni tħeġġeġ użu usa' ta' din it-tip ta' regolamentazzjoni f'oqsma differenti koperti mid-Direttiva, speċjalment fir-rigward tad-deskritturi tal-kontenut għall-kontenut ta' ħsara (l-Artikolu 6a), il-protezzjoni tal-minorenni u l-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fuq pjattaformi ta' video-sharing (l-Artikolu 28a), u l-komunikazzjonijiet kummerċjali biex inaqqsu l-esponiment tal-minorenni għall-ikel u xorb HFSS u għall-alkoħol (l-Artikolu 9(2) u (3)). Din it-tip ta' regolamentazzjoni hija eżerċitata permezz ta' kodiċijiet ta' kondotta li huma maqbula b'mod volontarju mill-industrija, l-NGOs u partijiet ikkonċernati oħra, u fil-qafas stabbilit mil-leġislatur nazzjonali fil-każ tal-koregolamentazzjoni.

Tqajmu ħafna mistoqsijiet b'rabta ma' dawn il-miżuri billi l-prattiki nazzjonali fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva AVMS ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Għal ħafna Stati Membri, il-formulazzjoni ma kinitx ċara dwar jekk l-użu tal-koregolamentazzjoni/awtoregolamentazzjoni hux obbligatorju jew le. Il-Kummissjoni kkonfermat li din it-tip ta' regolamentazzjoni mhix obbligatorja u għandha titqies bħala komplementari għall-miżuri leġislattivi. Tqajmet ukoll il-mistoqsija dwar kif Stat Membru jista' jġiegħel lill-fornituri ta' servizzi tal-media stabbiliti fi Stati Membri oħrajn, iżda li l-udjenza fil-mira tagħhom hija fit-territorju tiegħu, biex jirrispettaw il-kodiċijiet ta' kondotta maqbula f'livell nazzjonali. Barra minn hekk, bosta delegazzjonijiet ipproponew li jgħaqqdu d-dispożizzjonijiet kollha li jittrattaw il-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni f'artikolu wieħed biex tiġi evitata r-repetizzjoni u tingħata aktar ċarezza.

Il-**kodiċijiet ta' kondotta tal-UE** huma strument ta' awtoregolamentazzjoni li diġà jintuża fil-livell tal-UE iżda issa ddaħħal fid-Direttiva AVMS. Kien hemm ħafna delegazzjonijiet li talbu aktar dettall dwar kif ser jitħejjew u kif ser joperaw kodiċijiet tal-UE bħal dawn, u dwar kif il-konformità ma' dawn il-kodiċijiet ser tiġi żgurata u infurzata. Fid-dawl ta' dawn l-inċertezzi wkoll, id-delegazzjonijiet, b'mod ġenerali, kienu pjuttost riservati rigward l-idea ta' kodiċijiet tal-UE u f'xi każijiet saħansitra kontriha. Il-Kummissjoni spjegat li l-kodiċijiet tal-UE huma awtoregolatorji u għaldaqstant, b'differenza mill-miżuri leġislattivi jew koregolatorji nazzjonali,mhumiex obbligatorji. Għalhekk għandhom jitqiesu bħala miżura eċċezzjonali u fi kwalunkwe każ komplementari għall-kodiċijiet nazzjonali.

b) L-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali (l-Artikolu 30)

B'mod ġenerali, l-Istati Membri laqgħu l-idea tat-tisħiħ tal-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali. Madankollu, għal ħafna delegazzjonijiet, ir-rekwiżiti kienu dettaljati żżejjed u kien ikun aħjar jekk il-prinċipji bażiċi biss ikunu stabbiliti fit-test. Il-Kummissjoni ddefendiet il-proposta tagħha billi spjegat li r-regolaturi indipendenti huma meħtieġa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni kif suppost tad-Direttiva u li, sabiex jiġi ggarantit li r-regolaturi kollha fl-UE jkunu indipendenti, jeħtieġ li jiġu stipulati r-rekwiżiti dettaljati ta' indipendenza.

c) ERGA (l-aktar l-Artikolu 30a)

Il-Kummissjoni pproponiet il-formalizzazzjoni tal-grupp ta' regolaturi Ewropej għas-servizzi tal-media awdjoviżiva (ERGA) li attwalment qed jiffunzjona bħala grupp ta' esperti tal-Kummissjoni[15]. Billi d-Direttiva AVMS hija msejsa fuq armonizzazzjoni minima (bl-eċċezzjoni tar-regolament propost tal-pjattaformi ta' video-sharing) u billi l-koregolamentazzjoni jew l-awtoregolamentazzjoni jinsabu aktar taħt il-lenti, il-Kummissjoni qed tfittex grad ogħla ta' armonizzazzjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva mal-UE kollha.

Bosta Stati Membri appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni, iżda ħafna Stati Membri kellhom pożizzjoni pjuttost riservata dwar l-ERGA u xi whud kienu kontriha. It-tħassib ewlieni tagħhom kien minħabba l-fatt li l-kompiti u l-kompetenzi tal-ERGA kienu jikkoinċidu ma' dawk tal-Kumitat ta' Kuntatt (l-Artikolu 29), li jiġbor ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u jgħin lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. F'dan ir-rigward, ħafna delegazzjonijiet talbu li jkun hemm distinzjoni ċara bejn il-Kumitat ta' Kuntatt u l-ERGA, bir-rwol tal-ERGA jkun limitat għall-għoti ta' pariri tekniċi u bħala pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattiki. Bosta delegazzjonijiet indikaw li hemm iżżejjed referenzi għall-ERGA fit-test kollu u pproponew li dawn jitnaqqsu u/jew li jerġa' jkun hemm bilanċ favur il-Kumitat ta' Kuntatt.

5. Affarijiet oħra

B'mod ġenerali, il-kwistjoni kienet li d-delegazzjonijiet talbu kjarifika għall-ħafna termini u kunċetti użati fil-proposta tal-Kummissjoni, speċjalment bħal: "ammont kbir" ta' kontenut maħżun fuq il-pjattaformi ta' video-sharing (l-Artikolu 1(aa) (i)), "deċiżjonijiet editorjali" (l-Artikolu 2(3)(b)), "sigurtà pubblika" (l-Artikolu 3(2)(b)), "drittijiet tad-difiża" (pereżempju l-Artikolu 3(3)(e)), fornituri b'"fatturat baxx" u b'"udjenza baxxa" (l-Artikolu 13(5)), "kumpanija omm" u "sussidjarja" (l-Artikolu 28b), eċċ.

[15] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2014 dwar l-istabbiliment tal-ERGA.

Minbarra l-kwistjonijiet ewlenin deskritti taħt il-punti 1 sa 4, id-delegazzjonijiet qajmu wkoll il-kwistjonijiet li ġejjin:

- **Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà (l-Artikolu 7)**

  Il-Kummissjoni kienet ipproponiet it-tneħħija tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà mid-Direttiva AVMS fid-dawl tal-proposta tagħha li tirregola l-aċċessibbiltà fl-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà orizzontali[16]. Il-maġġoranza l-kbira tad-delegazzjonijiet, madankollu, riedu jżommu r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għas-servizzi awdjoviżivi fid-Direttiva AVMS. Fl-istess ħin, xi whud minn dawn id-delegazzjonijiet kienu favur li jkun hemm rekwiżiti aktar ambizzjużi minn dawk fit-test attwali, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

- **Numru sinifikanti ta' udjenza tat-tfal (l-Artikoli 9 u 11)**

  Ħafna delegazzjonijiet kellhom tħassib dwar il-bidla minn "programmi għat-tfal" għal "programmi li għandhom udjenza sinifikanti ta' tfal": dan it-term sabuh vag u mhux preċiż u għalhekk diffiċli li jiġi implimentat. Il-Kummissjoni spjegat li l-għan ta' din il-bidla kien l-estensjoni tal-protezzjoni attwali tal-minorenni lil hinn minn programmi mmirati speċifikament lejn it-tfal minħabba l-bidliet fl-użanzi tagħhom bħala telespettaturi.

- **L-inċitament għall-vjolenza u l-mibegħda (l-aktar l-Artikoli 6 u 28a)**

  Bosta delegazzjonijiet indikaw l-inkonsistenza bejn partijiet differenti tat-test li jsemmu r-raġunijiet li fuq il-bażi tagħhom il-kontenut jitqies li jinċita l-vjolenza jew il-mibegħda. Ċerti delegazzjonijiet xtaqu li fost ir-raġunijiet jiżdiedu wkoll il-glorifikazzjoni tat-terroriżmu u l-vjolazzjoni tad-dinjità tal-bniedem, filwaqt li xi delegazzjonijiet oħra jippreferu li ma tiġi speċifikata l-ebda raġuni. Il-Kummissjoni kkonfermat li l-istess formulazzjoni, allinjata kemm jixraq mad-definizzjonijiet li jinsabu fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-2008[17], għandha tintuża fit-test kollu.

[16] dok. 14799/15

[17] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55).

- **Deskritturi tal-kontenut (l-Artikolu 6a)**

  Din il-proposta tikkomplementa d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-minorenni b'obbligu ġdid li tingħata informazzjoni biżżejjed lit-telespettaturi dwar in-natura ta' ħsara tal-kontenut permezz tal-użu ta' "sistema ta' deskritturi" (pereżempju pittogrammi). Ħafna delegazzjonijiet talbu kjarifika ta' dan it-terminu. Ċerti delegazzjonijiet oġġezzjonaw għall-użu tad-deskritturi tal-kontenut billi l-prattiki nazzjonali jvarjaw f'dan il-qasam u l-pittogrammi mhumiex użati fl-Istati Membri kollha. Ċerti delegazzjonijiet oħra kellhom dubji dwar l-użu tal-kodiċijiet ta' kondotta tal-UE, dubju minnhom ikun kontra l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni indikat li kodiċi ta' kondotta tal-UE jista' jindirizza t-tħassib imqajjem minn ċerti delegazzjonijiet li s-servizzi mmirati lejn it-territorju tagħhom, iżda li mhumiex stabbiliti fih, ma jużawx l-istess forma ta' deskritturi tal-kontenut li għandu effett negattiv fuq it-telespettaturi tagħhom.